

# Żjara mill-Istudenti

Colleen Borg

Nhar il-Ġimgħa 28 t'April 2007, ġiet organizzata żjara edukattiva ġewwa l-Każin tal-Banda Imperial għall-istudenti tar-raba' sena ta' l-Iskola Primarja Marija Bambina tal-Mellieħa. Din kienet it-tielet sena konsekuttiva li saret din l-attività. L-għan ewlieni tagħha huwa li l-istudenti jiġu mħeġġa japprezzaw l-mużika, jitgħallmu japprezzaw l-ħidma li issir fl-Għaqdiet Mużikali u fuq kollox li jieħdu pjaċir.

Madwar 60 tifel u tifla, li kienu akkumpanjati mill-għalliema tagħhom ġew milqugħa fil-Kazin Imperial mill-President ta' l-Għaqda is-sur Joseph Bartolo u kif ukoll mis-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

L-ewwel sessjoni saret fis-sala fejn isiru l-provi tal-Banda Imperial. L-istudenti sabu posthom il-qiegħda quddiem il-leġġijiet li fuqhom kien hemm stampa ta' strument mużikali. Huma kienu ndirizzati mis-Surmast Direttur Anthony.Borg Permezz ta' mistoqsijiet sempliċi is-surmast Borg pprova joħroġ it-tifsira tal-mużika minn fost l-istudenti stess. Ingħata tagħrif dwar l-istrumenti mużikali, il-formazzjoni tal-Banda u x'ikun qed isir kemm mill-Bandisti u kemm mis-Surmast waqt eżekuzzjoni mużikali. L-istudenti ntwerew ukoll għadd ta' stumenti kemm ta' l-injam, kemm tar-ramm u kemm tal-perkussjoni Fi tmiem din is-sessjoni, wieħed mill-istudenti Carl Borg,li fil-preżent huwa wkoll student tal-mużika mal-Banda Imperial wera lil sħabu kif issir l-intonazzjoni ta' l-instrumenti u daqq zewġ melodiji qosra fost l-apprezzament ta' sħabu.



Fi tmiem din is-sessjoni l-istudenti ngħataw bibita ċkejkna fil-Bar tal-Każin Imperial. F'dan il-waqt l-istudenti ntwerew siltiet minn festival militari. B'hekk l-istudenti setgħu jaraw u jifhmu aħjar dak kollu li kien ġie spjegat lilhom aktar qabel. Barra minn dan l-istudenti setgħu jaraw b'liema preċiżjoni għadd ta'baned, minn pajjiżi differenti jingħaqdu flimkien taħt surmast wieħed. Tassew li fil-mużika m'hemmx fruntieri! L-istudenti tant ħadu gost u tant daħħlu fl-ispirtu li f'xi waqtiet rħew l-ikel min idhom u bdew iċċaċpu daqs li kieku kienu preżenti *'live'*. Dan juri li tfal tagħna l-mużika jħobbuha u japprezawha ħafna.

Wara li straħu ftit , l-istudenti telgħu fis-sala tal-Kumitat Direttiv fejn ġew mdawra mill-President ta' l-Għaqda Mużikali Imperial Joseph Bartolo. Waqt li kien qed idawwar lill-istudenti mas-sala li fiha nsibu bosta tifkiriet u ritratti tal -ġrajjiet l-aktar importanti ta' Għaqda Mużikali Imperial, Joseph Bartolo ta' tagħrif dwar l-istorja ta' din l-Għaqda. Joseph Bartolo ħeġġeġ lil l- istudenti biex jitgħallmu kemm jistgħu u ma jaħlux il-ħin prezzjuż ta' l-iskola.

Fl-aħħar sessjoni l-istudenti wara ngħataw l-opportunità li huma wkoll jdoqqu xi strumenti. Flimkien ma' Joseph Vella, wieħed mill-perkussjonisti tal-Banda Imperial, l-istudenti nqassmu fi gruppi u kull grupp ingħata strument tal-perkussjoni – fosthom katuba, tamborlin, tambourine, platti u triangle fost oħrajn. Kull student kellu ċ-ċans li jdoqq kull strument. Il-ħsejjes dak il-ħin kienu ta' l-għaġeb, imma t-tbissima, l-ferħ u l-eċitament ta' dawn l-istudenti kien jisboq bil-bosta l-istorbju li kienu qed joħolqu. Dan juri li meta l-istudenti jingħataw iċ-ċans għall-***hands on*** jitgħallmu ħafna aktar għaliex fihom jinħoloq ħafna entużjazmu.

L-aħħar eżerċizzju kien intenzjonat li juri l-

importanza li wieħed jahdem bħala tim. Permezz ta' numri differenti u permezz ta' strumenti differenti l-istudenti riedu joħolqu ritmi differenti. Dan l-eżercizzju jitlob ħafna konċentrazzjoni u ħidma kollettiva.

Matul din il-ġurnata l-istudenti għaddew madwar erbgħa sighat barra mill-klassijiet tagħhom, imma nassigurakhom li dan ma kienx ħin moħli ghaliex tgħallmu, interessaw rwieħhom u fuq kollox ħadu gost. Qabel ma ħallew il-Każin l-istudenti ngħataw file b'informazzjoni fuq il-mużika, fuq l-instrumenti u fuq l-Għaqda Mużikali Imperial.

Apprezzament u ħajr imorru lejn il-President ta' l-Għaqda Mużikali Imperial, lis-Surmast, lis-Sur Joseph Vella, lis- Sinjura Ruth Borg u lil dawk kollha li għenu biex setgħet issir din l-attività. Apprezament u ħajr imorru wkoll lejn l-Kap ta' l-iskola tal-Mellieħa li tagħraf is-siwi ta' żjarat bħal dawn, lill-għalliema u fl-aħħar u mhux lanqas lill-istudenti li bl-imġieba tajba u bl-entużjażmu tagħhom żgur li jagħmlu kuraġġ lill-organizaturi biex din l-okkażjoni issir avveniment annwali fil-kalendarju ta' l-Iskola Marija Bambina tal-Mellieħa u ta' l-Għaqda Mużikali Imperial.

Grazzi u Prosit mill-Ġdid.

# www.imperialbandclub.com




Dan huwa l-isem tas-sit eletroniku ta' l-Għaqda Mużikali Imperial, is-sit li matul dawn l-aħħar sebgħa snin wassal ħafna mill-attivitajiet esterni tal-festa ta' Marija Bambina kemm lill-Maltin u kemm lill-barranin. Il-popolarità ta' dan is-sit elettroniku kull ma' tmur dejjem qed tiżdied. fil-jiem tal-festa tas-sena 2007 kien hemm madwar 24,000 daħla fis-sit ta' l-Għaqda Mużikali Imperial. Dawn kienu mqassma hekk: 32% minn Malta, 22% rispettivament mill-Awstralja u mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, 11% mir-Renju Unit, 9% mill-Kanada u 4% l-oħra huma minn 25 pajjiż ieħor. Minbarra t-trasmissjonijiet diretti fil-jiem tal-festa, f'dan is-sit wieħed isib informazzjoni dwar l-Għaqda Mużikali Imperial, djarju ta' l-attivitajiet, ritratti, vidjos u saħansitra dan il-ktejjeb li l-Għaqda Mużikali Imperial toħroġ ta' kull snea fil-jiem tal-festa.

L-isponsor uffiċjali tat-trasmissjonijiet tal-festa huwa Alantilboy Bar & Restaurant. Id-disinn u l-manutenzjoni tal-website huma f'idejn Ivan Vella tal-Foto Creative waqt lis-Sur Nobert Vella huwa responsabbli mill-hwejjeġ awdjoviżivi u mit-trasmissjonijiet diretti waqt il-festa.

Din is-sena ser nibdew ix-xandiriet diretti tal-festa nhar it-Tlieta 28 t'Awwissu u jibqgħu sejrin kuljum sat-8 ta' Settembru 2007. Intom tistgħu tikkuntatjawna permezz ta' l-email *info@imperialbandclub.com.* Min-naħa tagħna aħna nieħdu gost naqraw il-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom.